# Il-Ħadd 11.10.2015

1. Illum, il-Ħadd 11/10, **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Infakkar li fuq iz-zuntier ta' diversi knejjes, fosthom tagħna, għandna xi voluntiera u membri tal-Malta Hospice Movement biex iqassmu tifkira maħruġa fl-okkażjoni tal-*'World Hospice and Palliative Care Week'*, kif ukoll ser jilqgħu xi donazzjonijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna.

2. It-Tnejn 12/10:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

3. It-Tlieta 13/10:
   - Fit-8:30pm - Laqgħa ta' talb fil-parroċċa ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ organizzata mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M., u mmexxija minn Br Francis tal-Komunità ta' Taizè. Kulħadd huwa mistieden, speċjalment iż-żgħażagħ. Min hu nteressat jattendi jkellem lill-Kappillan.

4. L-Erbgħa 14/10:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Parrini tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tal-Bniet.

5. Il-Ħamis 15/10:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Inżuru l-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, fil-Floriana, fejn ikollna Rużarju u Quddiesa u wara nmorru Tas-Sliema fejn ikollna Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:30pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

6. Is-Sibt 17/10:
   - Fit-8:00pm, Laqgħa għall-koppji miżżewġa għal-laqgħa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min jixtieq jattendi tajjeb li jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja biex isiru l-preparamenti meħtieġa.

7. Il-Ħadd 18/10: **il-Ġurnata Missjunarja**:
   - Fid-9:00am - L-Aid to the Church in Need qed tħeġġeġ lit-tfal biex jingħaqdu fit-talba tar-Rużarju għall-għaqda u l-paċi fil-familji, fil-pajjiżi u fid-dinja kollha. Minn fejn ikunu dak il-ħin, it-tfal flimkien ma' dawk li jieħdu ħsiebhom huma mħeġġa jitolbu din it-talba.
   - Ser jittella' Bazaar fuq iz-zuntier tal-knisja u l-offerta tal-quddies tmur għal dan l-iskop: li nipprovdu għajnuna finanzjarja lill-Missjunarji biex iwettqu l-ħidmiet tagħhom ta' karità.
   - Infakkru ukoll li tqassmu xi envelops mal-Magazin 'Flimkien' biex tkunu tistgħu tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom. Dawn l-envelops għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien' jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nirringrazzjakom.

8. Avviżi oħra:
   - Fil-jiem li ġejjin ser issir l-ordni biex jinxtraw siġġijiet ġodda (fodable) biex jintużaw għall-quddies taċ-Ċimiterju. Infakkar li kull siġġu ser jiġi jiswa € 15, u ser nagħmlu xi spejjeż ukoll biex nirranġaw kamra ħalli nkunu nistgħu nżommuhom fiha. Min hu interessat li jisponsorja parti mill-ispiża ta' dan il-proġett mitlub jiġi jinkiteb fis-Sagristija jew fl-Uffiċċju Parrokkjali matul din il-ġimgħa, ħalli nkunu nistgħu niffinanzjawhom u nibdew nużawhom minn Novembru 'l quddiem.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra b'risq il-manutensjoni tal-knisja. Grazzi.